# Tingiż impotenti

## Dylan Farrugia

U l-ħaddiema qamu f'daqqa – bdew jittewbu żarżir fi***n***,
Hekk kif ħ***a***rġu jdakkru l-fjuri – sagħtar silla u l-klin,
U mix-xehda ***ħ***arġu joforgħu – kemm ittajru ma***l***-irjieħ,
Lebbtu lejn il-wilġ***a***' s-soltu – ma' dawlet iż-żerniq,
U fejn dari biswit girna – indara fidloqqom u lellux,
L-ikħal isfar jgħajjat intefa – għax dis-sena baqa' trux,
U dawru r-rotta għall-ħarruba – fejnha żgur he***m***m il-boqxiex,
Fittxew fittxew bil-bost***a*** – imma n-nemes qa***l***lhom ma' rajhiex,
U s***t***aqsew farfett tal-fejġel – ***i***mne***j***n m***a***rru dawk l-ilwien,
Imnejn marret il-ħarruba – mank juriehom xrara għodrien,
U tgħ***a***rrfilhom bejn tilfiqa – issa iswed-griż sar moda,
Imxija tar-rebgħa, qerq u sfreġju – il-***ħ***akem anke lilu ***fr***oda,
U bħal vleġeġ marru l-bejta – biex ***i***xerdu ***l***-bxara l' aħwa,
Kif se' nżoqqu lil uliedna – lill-ħaddiema s-saħħa il-qawwa?
U rewwixta bdiet tinkalja – għadab qilla saħnu rjus,
Telqu jfittxu bla 'l fejn jafu – demm ibaqbaq rabja l-ħsus,
U mostru jleqq tal-azzar sabu – pruvaw kollox biex jgħelbu***h***,
Imma l-iskrun qas biss ta' kash***om*** – iqaċċat skiet għalih il-ġuħ***!***

Dakinhar bil-gzuz spiċċaw, ħafna naħal jaqgħu raw,
Traġedji żgħar ta' kuljum, imma min sippost ilum?
Fil-għasel tagħha sibna, ta' pajjiżna isimna,
X'ħasra kbira inkasbruha, f'postha xieraq ngħolluha,
Ta' dil-ħlejqa midjunin, u kull ma jmur tkompli

tnin . . .

tnin . . .

tnin . . .